

32003R0317

20.2.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 46/19

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 317/2003
 tad-19 ta' Frar 2003**

li jissupplementa l-Anness tar-Regolament (KE) Numru 2301/97 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-Reġistru ta' ċertifikati ta' karattru speċifiku previst fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Numru 2082/92 dwar ċertifikati ta' karattru speċifiku għal prodotti ta' l-agrikoltura u affarijiet ta' l-ikel (Karjalanpiirakka)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2082/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar iċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel⁽¹⁾, partikolarment l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Numru 2082/92, il-Finlandja bagħtet applikazzjoni lill-Kummissjoni biex l-isem "Karjalanpiirakka" jiddaħħal fir-Reġistru ta' ċertifikati ta' karattru speċifiku.
- (2) Id-deskrizzjoni "speċjalità tradizzjonali garantita" tista' tintuża biss m'ismijiet imdaħħlin f'dak ir-Reġistru.
- (3) L-ebda oġġezzjoni ma ntbagħtet lill-Kommissjoni skond l-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament wara l-pubblikazzjoni ta' l-isem skond l-Anness ta'dan fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* ⁽²⁾.
- (4) Minħabba dan, l-isem skond l-Anness għandhu jiddaħħal fir-Reġistru ta' ċertifikati ta' karattru speċifiku u jiġi protett bħala speċjalità tradizzjonali garantita fil-Komunità skond l-artikolu 13(2) tar-Regolament (KEE) Numru 2082/92.

- (5) L-Anness ta'dan jissupplementa l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 2301/97⁽³⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Numru 1285/2002⁽⁴⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem fl-Anness ta'dan huwa hawnhekk miżjud ma' l-Anness tar-Regolament (KE) Numru 2301/97 u mdaħħal fir-reġistru ta' ċertifikati ta' karattru speċifiku skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Numru 2082/92.

Din għandha tiġi protetta skond l-Artikolu 13(2) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ għoxrin ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 19 ta' Frar 2003.

Għall-Kummissjoni
 Franz FISCHLER
 Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Ħobż, prodotti tal-għaġina, ħelu, biskotti/bikuttelli u xogħolijiet oħra tal-furnara

— Karjalanpiirakka.

⁽¹⁾ ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 9.
⁽²⁾ ĠU C 102, tas-27.4.2002, p. 14.

⁽³⁾ ĠU L 319, tal-21.11.1997, p. 8.
⁽⁴⁾ ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 21.